**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tnax (12) il-Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Raymond Bartolo | 5.20 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Chairperson Simone Aquilina | 5.30 p.m. | 7.05 p.m. (Waqt Item 4) |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 5.30 pm | 8.30 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea kienet skużata milli tattendi fil-waqt li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tal-Ħdax (11) il-Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju, 2011**

Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Membri tal-Kumitat Amministrattiv Peter Abela u Carmel Hili ġew imniżżla bħala skużati u mhux assenti.

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti

2.01 **Dwar Item 2.01** Il-Bankina fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II f'Burmarrad issa tlestiet u ċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, reġa spjega li l-pagament lill-ELC sar għax tħawwlu aktar pjanti ta' tip differenti minflok il-ħofor li kien miftiehem.

2.02 **Dwar Item 2.02** Il-Bollards issa saru u nżebgħu u kien jonqos li tittranġa l-kantuniera w jsir id-*Double Yellow Line* mar-*Roundabout.* Dwar l-iScotts Supermarket, kien hemm ftehim li t-trakkijiet ma jibqgħux jimblokkaw il-karreġjata

2.03 **Dwar Item 2.03** Fuq il-ġebel li qed jaqa' fit-telgħa tal-Wardija, ġie deċiż li l-Kuntrattur Adam Bugeja jiġi mistoqsi jekk dan jistax ineħħi dan il-periklu jew le.

2.04 **Dwar Item 3.01** Asfaltar tat-Triq taħt l-Iskema tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali – Busewdien – is-somma vvutata għanda titla għal total ta' €25,000 (€20,000 mill-iskema tal-progetti tal-Kumitati Amministrattivi) u napplikaw għal €5,000 għal playingfield taħt l-iskema tal-playingfields li tagħlaq f'Ottubru 2011.

2.05 **Dwar Item 4.00** Ġie pprezentat rendikont ta' spejjeż li jammonta għal €9,170 li ntefqu fuq l- attivitajiet ta' Festa Bdiewa Burmarrad. Is-Sur Joseph Mario Hili u l-Viċi Chairperson Simone Aquilina qalu li għalkemm l-attivita' kienet suċċess, kien mixtieq li l-attivita' tinvolvi aktar suġġetti relatati mal-biedja u mhux daqshekk kummerċjali. Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo qal li għall-2012, l-attivita' kienet pjanata għall-15 u s-16 ta' Ġunju, ftit qabel il-Festa ta' Burmarrad. Il-qofol tal-attivita' għandu jibqa l-Ħadd filgħodu iżda waqt il-ħin ta' nofsinhar, fis-sajf ma għandhomx isiru attivitajiet. Dwar il-fondi, l-Kunsill Lokali jintalab iħallas €4,170 għall-attivita' tal-2011, filwaqt li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad iħallas €2,000 u €3,000 mill-Iskema tad-Departiment tal-Gvern Lokali u l-MTA.

Hawn issemma l-fatt li għal Festa Bdiewa Burmarrad iż-żona tal-grawnd tal-futbol u tal-playingfield intużat għall-parking iżda ġie nnutat li f'din iż-żona ma kienx hemm dwal u għalhekk l-Inġinier tal-Kunsill għandu jintalab parir dwar x'sistema għandha ssir. Għandu wkoll jiġi kkunsidrat *solar lighting.*

Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo u s-Sur Peter Abela għandhom jiltaqgħu mal-klabb tal-futbol sabiex tinstab soluzzjoni dwar id-diffikultajiet li għandhom dwar il-ħlasijiet tal-kont tad-dawl.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

Ma kienx hemm korrispondenza u għalhekk l-laqgħa għaddiet għall-item li jmiss.

**4.00 Evalwazzjoni ta' Tender għal Playingfield Equipment**

4.01 Saret evalwazzjoni tat-tenders li daħlu. Daħlu 4 offerti. L-irħas offerta kienet it-tielet waħda ta'JGC Ltd. ta' €7,960.85. Kollox kien skont l-ispesifikazzjonijiet mitluba. Lista twila ta' proġetti li saru minn dan il-kuntrattur ġiet ukoll ippreżentata mat-tender.

Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad għandu jitlob kjarifikazzjoni fuq il-*Bearings* jekk humiex *sealed* u kemm ikunu l-ispejjeż tal-manutenzjoni. Ġew eżaminati t-Tenders l-oħra iżda ġie deċiż li għaldarba JGC Ltd. huma l-orħos u jlaħħqu ma' l-ispeċifikazzjonijiet kollha mitluba, għadu jintagħżel dan il-kuntrattur.

**5.00 Evalwazzjoni ta' kwotazzjonijiet ta' Bankijiet għal San Pawl Milqi**

5.01 Ġew eżaminati l-kwotazzjonijiet li rċevejna għall-bank mingħand Outdoor Decor Ltd. u ġie deċiż li dawn huma aċċettabbli bil-prezz ta' €550 excl. VAT. Għandu jintalab prezz għal tnejn ukoll u nistaqsu jekk il-prezz jinkludix ukoll id-*delivery* u tqegħid tal-bank.

**6.00 Evalwazzjoni ta' kwotazzjonijiet għal Website**

6.01 Ġew irċevuti żewġ kwotazzjonijiet iżda ġie deċiż li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet fil-gazzetta. Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo għandu jipprepara *BOQ* għal din is-sejħa.

**7.00 Rendikont ta' dħul u ħruġ ta' fondi – Festa Bdiewa Burmarrad**

7.01 Dan l-item ġie diskuss taħt punti mqajjma.

**11.00 Evalwazzjoni tas-Sistema tat-Traffiku ħdejn l-iScotts**

11.01 Dan l-item ġie diskuss taħt punti mqajjma.

**Għeluq**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija peress li kien sar il-ħin. Il-kontinwazzjoni tal-laqgħa għandha ssir it-Tlieta 27 ta' Settembru 2011 fis-sitta ta' filgħaxija.

*Ray Bartolo*
*Chairperson*

*John J. Camilleri*
*Segretarju Eżekuttiv*